BANK ĊENTRALI TA' MALTA
EUROSISTEMA
CENTRAL BANK OF MALTA

MFSA
MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

STQARRIJA KONĠUNTA GĦALL-MEDIA

**Data tal-Publikazzjoni: 23 ta' Lulju 2010**

**Suġġett: Ir-Riżultati tal-i*Stress Tests* għas-settur bankarju fl-UE**

Il-Bank Ċentrali ta' Malta u l-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji qed jippubblikaw ir-riżultati u informazzjoni oħra dwar l-eżerċizzju tal-i*stress test* fir-rigward tal-*Bank of Valletta plc.* Dan l-eżerċizzju kien immexxi madwar l-UE kollha mill-*Committee of European Banking Supervisors (CEBS)* b'kollaborazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u awtoritajiet nazzjonali.

Ir-riżultati ġenerali jikkonfermaw li l-*Bank of Valletta plc* kapaċi jiflaħ għax-xokkijiet estremi imma plawsibbli li kienu simulati f'dan l-eżerċizzju. Il-proporzjon tal-kapital tal-ewwel kategorija (*Tier 1*) tal-bank li rriżulta baqa' b'saħħtu fil-livell ta' 9.3%, li hu ferm ogħla mill-livell ta' 6% li ġie ffissat għal dan l-eżerċizzju speċifiku mis-*CEBS* u mill-BĊE. Il-minimu regolatorju hu ta' 4%.

Dawn ir-riżultati għandhom jiġu interpretati bħala xenarju li "kieku kellu jseħħ" u bla ebda mod ma jirrappreżentaw tbassir jew projezzjoni dwar kif se jmur il-*Bank of Valletta plc*.

Ir-riżultati tal-*Bank of Valletta plc* jinsabu fuq is-siti elettroniċi tal-Bank Ċentrali ta' Malta u tal-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji rispettivament.

Skont parametri mfassla mis-*CEBS* u mill-BĊE, l-*HSBC Bank Malta plc* ġie inkluż f'dan l-eżerċizzju fuq bażi kkonsolidata bħala parti mill-*HSBC Holding plc*, li tagħha hu sussidjarja. F'dan il-każ, għalhekk, l-eżerċizzju tal-i*stress test* sar mill-awtoritajiet tar-Renju Unit.

Aktar informazzjoni dwar l-eżerċizzju tal-i*stress tests* li saru mal-UE kollha u r-riżultati miksuba mill-91 banek Ewropej f'dan l-eżerċizzju jinsabu fuq is-siti elettroniċi tas-*CEBS* u tal-BĊE.